Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 1952/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 16 ta' Novembru, 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1952/05**

**Kasco Limited (C–17886)**

**Vs**

**Richard Johnston (I.D. 7371M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2005, li permezz tieghu s-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' tlett mija u disa` Liri Maltin u hames centezmi (Lm309.05) minghand il-konvenut rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' karta debitament konsenjata lill-konvenut minghand is-socjeta` attrici, liema bilanc, nonostante illi ntalab il-hlas tieghu ghall-bosta drabi, nkluz permezz ta' ittra legali datata 8 ta' Novembru 2005 (Dok K2), il-konvenut baqa` ma hallasx.

Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll imghax bir-rata ta' 8% fis-sena mit-13 ta' April 2005 sal-gurnata tal-hlas effettiv u l-ispejjes kif indikati fl-Avviz.

Ra illi l-Avviz gie notifikat lill-konvenut fit-23 ta' Dicembru 2005;

Ra illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2006 deher il-konvenut Richard Johnston li ddikjara illi ma jifhimx bil-lingwa Maltija;

Ra illi l-Avviz bl-Ingliz gie notifikat lill-konvenut fit-22 ta' Marzu 2006;

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' April 2006, deher il-konvenut Richard Johnston li ddikjara illi ma hemmx kontestazzjoni fuq is-sorte, izda aktar kontestazzjoni fuq l-imghax mitluba;

Ra illi f'din l-istess seduta l-konvenut inghata tmintax il-gurnata sabiex jipprezenta r-risposta tieghu;

Ra illi tali risposta baqghet ma tressqitx, izda fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2006 deher l-istess konvenut u bil-gurament tieghu stqarr li ma kellux oggezzjoni illi jhallas l-ammont msemmi fl-Avviz flimkien ma' l-imghax, pero` xtaq zmien biex ihallas, bhal per ezempju tlett xhur.

It-Tribunal ikkunsidra illi ghalkemm il-konvenut xehed bl-Ingliz u talab u fil-fatt gie notifikat bl-Avviz bl-Ingliz, b'dana kollu mkien ma' talab illi l-proceduri jinzammu bil-lingwa Ingliza.

Ikkunsidra l-provi kollha mressqa, d-dokumenti kollha prodotti u ra l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra illi l-konvenut finalment ammetta t-talbiet kollha attrici pero` kull ma kien qed jitlob kien zmien sabiex huwa jottempra ruhu u jhallas.

Ghaldaqstant, b'ekwita`, it-Tribunal, wara illi qies il-fatti kollha tal-kaz u partikolarment d-deposizzjoni tal-konvenut tal- 5 ta' Ottubru 2006, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u disa` Liri Maltin u hames centezmi (Lm309.05) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------